**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**Philip Fenech ta' 22 sena, iben Raymond u Doris xebba Bugeja li joqghod 'Ave Maria', Triq San Duminku, Rabat, Ghawdex.**
**Karta ta' Identita' numru 2779(G)**

Illum 19 ta' Dicembru 2001.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fil-21 ta' Jannar 2001, ghall-habta tad-9.45pm saq karozza numru JAF 342 fi Triq Gorg Borg Oliver, Rabat, Ghawdex, (1) minghajr ma kienet licenzjata mill-Pulizija biex tintuza fit-triq (licenzja mhix rinnovata), (2) minghajr ma kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni skond id-disposizzjonijiet tal-kapitolo 165 tal-Ligijiet ta' Malta, (3) aktar talli saq l-istess vettura numru JAF 342 b'manjiera traskurata u perikoluza, (4) aktar talli ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' Awtorita' (Forzi Armati ta' Malta) waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tordna s-sosspensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal perjodu li jidrilha li huwa xieraq.

Semghet l-provi;

Issib lill-imputat hati;

Rat l-artikoli 15(1) tal-Kap 65 u 3 tal-Kap 104;

Tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300) u tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt xhur mil-lum.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur